THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@kamratalperiti.org
WEBSITE. www.kamratalperiti.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 09/2019**

**30 t' April 2019**

## Kamra tal-Periti

## L-Industrija tal-Bini rregolata minn 22 entità

Fis-26 ta' April 2019, il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti ltaqa' ma' delegazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, immexxija mill-Kap tal-Partit Dr Adrian Delia, li tkellem dwar diversi temi li huma ta' importanza għall-Partit, inkluż il-bżonn li ma nibqgħux nitkellmu biss dwar permessi tal-iżvilupp iżda li nħarsu iktar lejn l-ippjanar b'mod ħolistiku, kif ukoll l-importanza tal-kwalita' fl-industrija tal-bini. Dr Delia saħaq ukoll li hemm bżonn ta' viżjoni fit-tul għall-pajjiż, u stqarr li l-Partit ser jinsisti li l-istudji tekniċi u ambjentali kollha dwar il-mina proposta bejn Malta u Għawdex għandhom jiġu ppublikati qabel ma' tittieħed deċiżjoni finali.

Il-Perit Simone Vella Lenicker, President tal-Kamra tal-Periti, qalet li l-Kamra ppreżentat il-proposti tagħha għal reviżjoni mill-qiegħ tar-regolamenti tal-bini u tal-kostruzzjoni lill-Gvern ġimgħatejn ilu. Dawn il-proposti kienu approvati mill-professjoni f'Laqgħa Ġenerali li saret f'Novembru li għadda, u li wkoll intlaqgħu b'mod pożittiv mis-Segretarju Parlamentari Chris Agius. Dawn il-proposti ser jassiguraw titjib fis-settur, u ser jassiguraw li dan is-settur ikun ta' l-istess livell ta' dak f'pajjiżi oħrajn.

Għamlet emfasi wkoll li il-bżonn ta' ippjanar fuq livell strateġiku u lokali huwa importanti sabiex nassiguraw li l-kwalitá urbana tal-ibliet u rħula tagħna ma tintilifx għal dejjem.

Fir-rigward tal-mina bejn Malta u Għawdex, il-Perit Vella Lenicker saħqet il-pożizzjoni tal-Kamra li l-istudji għandhom isiru u jiġu ppublikati qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet f'dan ir-rigward, kemm fuq livell ta' permessi kif ukoll fuq livell politiku. Qalet ukoll li hi sitwazzjoni inkwetanti li wieħed jara li hemm bżonn li jsiru mozzjonijiet fil-Parlament biex jiġi żgurat li r-regolamenti u l-liġijiet applikabbli jiġu osservati, u dan juri wkoll il-bżonn urġenti għal reviżjoni tal-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u tal-Pjanijiet Lokali, li llum huma prattikament obsoleti.

Ġew diskussi numru ta' temi oħra, inkluż il-bżonn ta' politika dwar l-arkitettura, dwar il-pajsaġġ u dwar l-*iskyline*, kif ukoll il-bżonn li ndaħħlu kultura ta' kompetizzjonijiet għal proġetti li ser isiru minn fondi pubbliċi.

Il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti ppreżenta wkoll viżjoni, bħala membru tal-Kunsill Ewropew ta' l-Arkitetti, għall-elezzjonijiet ta' l-MPE li ġejjin, fosthom il-bżonn ta' kwalita' aħjar fl-ambjent mibni, il-bżonn li jiġi żgurat l-aċċessibilita' għal housing affordabbli u ta' kwalita', il-bżonn li nerġgħu naħsbu dwar il-konnessjoni bejn it-tibdil fil-klima u l-ambjent mibni, kif ukoll il-bżonn ta' iktar edukazzjoni u *up-skilling* f'dan is-settur.

Id-delegazzjoni tal-Kamra tal-Periti kienet tinkludi wkoll il-Perit André Pizzuto (Viċi President u Teżorier), il-Professur Alex Torpiano (ex-President), u l-Membri tal-Kunsill il-Periti Sandro Cini, Gaston Camilleri u Alberto Miceli Farrugia.

THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@ktpmalta.com
WEBSITE. www.ktpmalta.com

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

https://kamratalperiti.org/press/